

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Jannar 2011 — Advance Magazine Publishers vs UASI — Capela & Irmãos (VOGUE)

(Kawża T-382/08) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Aplikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali VOGUE — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti VOGUE Portugal — Nuqqas ta’ użu ġenwin mit-trade mark preċedenti — Artikolu 43(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2011/C 63/49)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Advance Magazine Publishers, Inc. (New York, l-Istati Uniti) (rappreżentant: M. Esteve Sanz, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: J. Capela Irmãos, L^{da} (Porto, il-Portugall)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tat-30 ta' Ġunju 2008 (Każ R 328/2003-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn J. Capela Irmãos, L^{da} u Advance Magazine Publishers, Inc.

Dispożittiv

- (1) Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tat-30 ta' Ġunju 2008 (Każ R 328/2003-2) hija annullata.
- (2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.
- (3) L-UASI għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn Advance Magazine Publishers, Inc.

⁽¹⁾ ĠU C 301, 22.11.2008.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Jannar 2011 — Häfele vs UASI — Topcom Europe (Topcom)

(Kawża T-336/09) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Aplikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Topcom — Trade marks Komunitarji u tal-Benelux verbali preċedenti TOPCOM — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Xebh tal-prodotti — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2011/C 63/50)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Häfele GmbH Co. KG (Nagold, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J. Dönch u M. Eck, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Topcom Europe (Heverlee, il-Belġju) (rappreżentant: P. Maeyaert, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tal-5 ta' Ġunju 2009 (Każ R 1500/2008-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Topcom Europe NV u Häfele GmbH Co. KG.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Häfele GmbH Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż indispensabbli sostnuti minn Topcom Europe NV għall-finijiet tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI).

⁽¹⁾ ĠU C 256, 24.10.2009.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Jannar 2011 — Terezakis vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-411/09) ⁽¹⁾

(“Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Rifjut parzjali ta’ aċċess — Tibdil tal-att ikkontestat fil-mori tal-kawża — Rifjut li jimbidlu t-talbiet — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2011/C 63/51)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Ioannis Terezakis (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: inizzjalment B. Lombart, sussegwentement P. Synoikis, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Flynn u C. ten Dam, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Awwissu 2009 li tirrifjuta lir-rikorrent l-aċċess għal ċerti partijiet kif ukoll għall-annessi ta' ċerti ittri skambjati bejn l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u l-Ministeru tal-Ekonomija u tal-Finanzji Elleniku dwar l-irregolaritajiet fiskali marbuta mal-konstruzzjoni tal-ajruport ta' Spata, f'Ateni (il-Greċja)